IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.7.2015
COM(2015) 303 final/ 2

ANNEX 1

ANNESS

tal-

Abbozz ta’ Regolament


li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1683/1995 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża

ANNESS

tal-

Abbozz ta’ Regolament

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1683/1995 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża



Karatteristiċi tas-sigurtà

1. Ritratt bil-kulur integrat tad-detentur maħdum bi standards ta’ sigurtà għolja.

2. Element ottikament varjabbli (“Kinegram” jew ekwivalenti) jidher f'dan l-ispazju. Skont l-angolu tal-vista, l-ittri “E”, “UE” u l-linji tal-guilloche kinematiku jsiru viżibbli f'daqsijiet u lwien diversi.

3. Din il-kaxxa tinkludi l-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż kif stabbilit fid-Dokument 9303 tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) dwar id-dokumenti tal-ivjaġġar tal-Istat Membru emittenti u li jistgħu jinqraw minn magna fi lwien ottikament varjabbli. Skont l-angolu tal-vista, din tidher f'diversi lwien.

4. Il-kelma “viża” u l-Istat Membru emittenti b’ittri kapitali tidher f’dan l-ispazju.

5. Din il-kaxxa tinkludi n-numru nazzjonali b’disa' ċifri tal-istiker tal-viża f'orjentazzjoni orizzontali, li tkun stampata minn qabel bl-iswed. Jintuża tip ta' font speċjali.

6. Din il-kaxxa tinkludi n-numru nazzjonali b’disa' ċifri tal-istiker tal-viża f'orjentazzjoni vertikali, li jkun stampat minn qabel bl-aħmar. Jintuża tip ta' font speċjali, differenti minn dak

użat fil-kaxxa 5. In-“numru tal-istiker tal-viża” huwa l-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż kif jidher fil-kaxxa 3 u n-numru nazzjonali kif imsemmi fil-kaxxa 5 u l-kaxxa 6.

7. Din il-kaxxa jkun fiha l-ittri “UE” b’effett ta’ immaġni latenti. Dawn l-ittri jkunu jidhru ċari meta mqiegħda ċatti u skuri meta mdawwrin 90°.

8. Din il-kaxxa jkun fiha l-kodiċijiet skont il-kaxxa 3 b’effett ta’ immaġni latenti. Dan il-kodiċi jkun jidher ċar meta mqiegħed ċatt u skur meta mdawwar 90°.

It-taqsimiet li jridu jimtlew

Il-kliem li jiddeskrivu l-kaxxi jkunu jidhru bl-Ingliż u bil-Franċiż. L-Istat emittenti jista' jżid lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni. Madankollu, il-kelma “viża” fil-linja ta' fuq tista' tidher fi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

9. Din il-kaxxa tkun tibda bil-kliem "valida għal". L-awtorità emittenti tindika t-territorju li fih id-detentur tal-viża huwa intitolat li jivvjaġġa.

10. Din il-kaxxa tkun tibda bil-kelma "minn" u l-kelma "sa" għandha tidher aktar 'l hinn matul il-linja. L-awtorità emittenti tindika l-perjodu tas-soġġorn tad-detentur tal-viża, kif awtorizzat mill-viża. Aktar 'l hinn fuq l-istess linja il-kliem “perjodu taż-żjara”,(jiġifieri kemm l-applikant bi ħsiebu jdum) u tidher ukoll ‘jiem’.

11. Din il-kaxxa tkun tibda bil-kliem 'tip ta' viża'. L-awtorità emittenti tindika l-kategorija ta' viża f'konformità mal-Artikoli 5 u 7 ta' dan ir-Regolament. Aktar 'l hinn matul il-linja jidhru l-kliem “numru tal-passaport” (li ħdejh jidher in-numru tal-passaport tad-detentur) u “għadd ta’ daħliet”.

12. Din il-kaxxa tkun tibda bil-kliem "maħruġ" u għandha tintuża biex tindika l-post emittenti. Aktar 'l hinn matul il-linja tkun tidher il-kelma “fil-” (li warajha timtela d-data tal-ħruġ mill-awtorità emittenti).

13. Din il-kaxxa tkun tibda bil-kliem “Kunjom, Isem”Kunjom.

14. Din il-kaxxa tkun tibda bil-kelma “rimarki”. Għandha tintuża mill-awtorità emittenti biex tindika kull informazzjoni oħra, li hija kkunsidrata neċessarja, sakemm tkun konformi mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament. Iż-żewġ linji u nofs li ġejjin jitħallew vojta għal rimarki bħal dawn. Barra minn hekk, parti minn din il-kaxxa tista’ tintuża għal barcode 2D futura jekk tkun inkluża fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni.

15. Din il-kaxxa jkun fiha l-informazzjoni relevanti li tinqara mill-magna biex tiffaċilita pereżempju l-kontrolli fuq il-fruntiera esterna. Iż-żona li tinqara mill-magna jkun fiha test stampat fl-istampar tal-isfond, li jindika l-kodiċijiet skont il-kaxxa 3 u “Unjoni Ewropea” f’lingwi differenti. It-test ma jkunx jaffettwa l-karattersitiċi tekniċi taż-żona li tinqara mill-magna jew il-kapaċità li tkun tista' tinqara.

16. Din il-kaxxa hi riżervata għaż-żieda possibbli ta’ barcode 2D komuni.